MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF
ANNA FELICE**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 277/2010

**A Al B**

**-vs-**

**C D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat A Al B, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi r-rikorrent A Al B u l-intimata C D E zzewgu fit-8 ta' Marzu, tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. ZAK1;

Illi l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-partijiet eskludew il-prolazzjoni tal-ulied;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi;

Ghaldaqstant, l-intimata tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-tmienja (8) ta' Marzu, tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19 (c) u 19 (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, C D E ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat li, ghalkemm l-intimata, kontumaci, nghatat il-fakulta' tissottometti s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub, kif verbalizzat fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2011, hija ma ghamlitx sottomissjonijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

<u>Fatti</u>

Ir-ragel f'din il-kawza huwa ta' nazzjonalita' Sirjana u l-mara Maltija. Iltaqghu fl-1995 meta r-ragel kien Malta fuq

“tourist visa”. Il-mara kellha zewgt itfal, pero’ ma kinitx mizzewga. Il-partijiet bdew relazzjoni flimkien. Madanakollu, l-istess wara, kontemporanjament, kellha relazzjoni ma’ terza persuna. Meta harget tqila b’tarbija ta’ din it-terza persuna, li kien ragel mizzewweg, u kien ghadu jghix ma’ martu, gidbet lir-rikorrenti u qaltlu li t-tarbija kienet tieghu. Fic-cirkostanzi li kienu fih it-tnejn, hu minghajr permess biex jghix f’Malta u hi minghajr sieheb li jghinha zzomm lil uliedha, l-istess intimata ghazlet li tidhak bir-rikorrenti biex forsi tirrendi hajjitha facli. Madanakollu, it-terza persuna mizzewweg xorta ghazel li jirrikonoxxi t-tarbija li twieldet xi xahrejn qabel ma l-koppja zzewget. Meta, f’xi zmien wara, ir-rikorrenti ottjena kopja tac-certifikat tat-twelid tat-tarbija, induna li din kienet tassew wild haddiehor. Iz-zwieg minn hemm sfaxxa.

Dan kollu, ir-rikorrenti xehed dwaru fl-affidavit tieghu u gie konfermat minn hutu u minn oht l-istess martu. Huwa jghid hekk:

“*Wara li zzewwigna, ridna nsiefru lejn is-Sirja u mort nohrog certifikat tat-twelid tat-tarbija. Kien dakinhar li skoprejt li F ma kinitx verament binti ghaliex fuq ic-certifikat tat-twelid, il-missier kien imnizzel bhala certu G H. Meta rajt dan ic-certifikat, mill-ewwel indunajt li C kienet dahket bija ghaliex qaltli li F kienet binti izda minn wara dahri, il-veru missier ta’ dik it-tarbija kien irrikonoxxiha. Kif sirt naf il-verita’ kollha, ma ridtx naf aktar u ddecidejt lima ridtx nibqa’ maghha ghaliex ma ridtx nibqa’ ma’ mara li kienet waslet biex tigdibli fuq haga daqshekk importanti.*”

Ohtha tikkonferma:

“*Staqsejtha fuq missier din it-tarbija, mill-ewwel qaltli li ta’ G imma bdiet tibza’ tghid il-verita’ peress li G kien ghadu mal-mara. Iddecidiet li tghid lil A li t-tarbija kienet tieghu.*”

F’materja ta’ qerq, dawn il-Qrati dejjem irritenew illi:

“*Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba’ affarijiet: (1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; (2)*

*li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti; (3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u (4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga*", ("**D Farrugia vs Joseph Farrugia**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-13 ta' Marzu, 1995).

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, ma hux rikjest xi sforz mentali zejjed biex wiehed jifhem li qerq dwar il-paternita' ta' tarbija hija fatt ta' serjeta' estrema. Ghalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti tassew gie ngannat kif allega u ghalhekk irnexxielu jissodisfa l-vot tal-ligi f'dan is-sens.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-8 ta' Marzu 1996 huwa null u bla effett.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------